TRIBUNAL TA' REVIZJONI TA' L-AMBJENT U L-IPPJANAR

ENVIRONMENT AND PLANNING
REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
01 OCT 2021
ST. FRANCIS DITCH
FLORIANA

OWK0016/20
(Sit: Sit biswit Triq Martin Luther King, Pembroke)

**Rockcut Ltd**

**vs.**

**L-Awtorita' tal-Ambjent u r-Rizorsi**

**Rikors tal-Appell tas-soċjetà Rockcut Ltd.**

Tesponi bir-rispett:

Illi dan huwa appell ta' **Rockcut Limited** mill-Ordni ta' Waqfien u ta' Konformità b'referenza numru **OWK0016/20** maħrug mill-Awtorita' għall-Ambjent u r-Riżorsi nhar is-sebgħa (7) ta' April 2020 (hawn anness u mmarkat bħala "Dok. RC1");

Illi skont l-imessmi Ordni ta' Waqfien u ta' Konformità l-appellanti qiegħda tikser diversi regolamenti ambjentali hekk kif indikat fl-istess ordni;

Illi għaldaqstant l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi eżiġiet li tieqaf immedjatament l-attività hawn fuq imsemmija, u ma tinbeda l-ebda attività oħra li tirrikjedi awtorizzazzjoni fuq is-sit, u jittieħdu passi sabiex jieqaf il-ksur billi:

1. "In linea mar-regolamenti 8(1) tar-Regolamenti dwar il-Prevenzjoni u r-Rimedjar ta' Danni Ambjentali (L.S 549.97) tissottometti pjan ta' xogħolijiet b'miżuri ta' rimedju għad-dannu kkaġunat u treġġa' lura s-sitwazzjoni u, jew l-art għall-kundizzjoni ta' qabel ma saret l-attività skont l-Iskeda II tal-L.S. 549.97 fi żmien ħmistax-il ġurnata mid-data tan-

notifika ta' din l-Ordni; u wara

2. Tirrimedja skont il-pjan ta' xogħolijiet indikat f'punt 1 wara li jkun approvat mill-Awotirtà."

Illi l-appellanti tħossha aggravata minn din id-deċiżjoni għar-raġuni li, kif indikat immedjatament mis-soċjetà appellanti, hi ma hijiex il-leġittimu kontradittur f'din il-kawża għaliex hi kienet biss eżegutriċi ta' talbiet li saru lilha mis-sid/okkupant tas-sit inkwistjoni.

Illi dan wieħed jista' faċilment jikkonstatah mill-korrispondenza hawn annessa u mmarkata "Dok RC2", fejn jirriżulta b'mod ċar li rappreżentanti mis-St. Michael School Scout Group kien talbu lis-soċjetà appellanti sabiex jiddepożitaw xi materjal fis-sit inkwistjoni;

Illi huwa minnu wkoll li f'din il-korrispondenza s-sid/l-okkupant tas-sit jilmenta li huwa ma kienx sodisfatt bis-servizz li huwa ingħata mis-soċjetà attriċi;

Illi però bid-dovut rispett kollu kwistjoni ta' dan it-tip tmur lil hinn mill-kompetenza tal-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi għaliex din hija kwistjoni li kellha tiġi diskussa/ikkontestata bejn is-soċjetà attriċi u l-klijent tagħha, u ċioè s-sid/l-okkupant tas-sit inkwistjoni, f'fora oħrajn;

Illi għaldaqstant ma kellu jinħareġ l-ebda ordni fil-konfront tas-soċjetà attriċi u b'hekk isegwi li l-imsemmija soċjetà ma hijiex il-leġittimu kontradittur;

Illi s-soċjetà attriċi kellha l-impressjoni li effettivament din il-kwistjoni kienet ġiet sorvolata preċiżament minħabba l-fatt li hija ma kinitx is-sid/l-okkupant tas-sit in kwistjoni u li hi kienet biss l-eżegrutriċi ta' talbiet magħmula lilha mill-imsemmi sid/okkupant kif spjegat hawn iktar 'il fuq;

Illi għalhekk kienet pjuttost sorpriża meta f'Lulju tal-2021 xi uffiċjali tal-Awtorità infurmawha li kien hemm penali għaddejja fil-konfront tagħha u fil-fatt immedjatament bagħtet korrispondenza lill-istess Awtorità tinfurmaha li t-talbiet li hija kienet qiegħda tagħmel dwar il-pjan ta' rimedjar kellhom jiġu diretti lis-sid/okkupant tas-sit inkwistjoni;

Illi f'Settembru tal-2021 is-soċjetà attriċi rċeviet risposta li l-Awtorità kienet qiegħda tibqa' tinsisti li kellha tkun is-soċjetà attriċi li tipprovdi dan il-pjan;

Illi meta s-soċjetà attriċi talbet lill-Awtorità tinfurmaha jekk tali talba għall-pjan kinitx saret lis-sid/okkupant tas-sit, is-soċjetà attriċi baqgħet mingħajr risposta;

Illi s-soċjetà appellanti ħassitha aggravata b'tali deċiżjoni għaliex kif intqal hawn iktar 'il fuq hija ma hijiex il-leġittimu kontradittur;

Għaldaqstant, fil-waqt li l-appellanti tagħmel referenza għall-prinċipji ta' ġustizzja u ta' ġustizzja naturali jitlob bir-rispett lil dan l-Onorabbli Tribunal jħassar u jirrevoka l-Ordni ta' Waqfien u Konformità tas-07 ta' April 2020 u jilqa' l-oġġezzjonijiet kollha tal-appellenti u konsegwentement iħassar u jirrevoka l-penali mposta jew li tista' tiġi imposta fuq l-appellanti.

Bl-ispejjeż kontra l-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi u b'riżerva għal kull dritt u/jew azzjoni oħra spettanti lill-appellanti f'dan ir-rigward.

Av. Beryl Jean-Buttiġieġ
Rockcut Ltd, Triq iċ-Ċimiterju, Għaxaq

LISTA TA' DOKUMENTI

- **Dok RC1** – kopja tal-ordni OWK0016/20;
- **Dok RC2** – kopja tal-korrispondenza elettronika;

LISTA TA' XHIEDA

- Rappreżentanti tal-appellanti sabiex jixhdu dwar il-fatti tal-każ;
- Rappreżentati tal-*ERA* sabiex jixhdu dwar l-avviż mertu ta' dan l-appell u kif ukoll dwar il-fatti tal-każ magħrufa minnhom;
- Rappreżentanti tas-St. Michael School Scout Group sabiex jixhdu dwar il-fatti tal-każ;
- Xhieda oħra riservati.

Av. Beryl Jean Buttigieg
Rockcut Ltd, Triq iċ-Ċimiterju, Għaxaq